# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 4 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 3**

**Citaz. Nru. 538/01GV**

**M. Demajo (Wines & Spirits) Limited**

**vs**

**Super Master Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn, mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm2,258), rapprezentanti prezz ta' xorb mibjugh u kkonsenjat lilha mis-socjeta' attrici izda mhux imhallas;

Premess illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas izda baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici, ghar-ragunijiet premessi u dispensat mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista ta' l-affidavit ta' Gaetano Cordina (Dok. A) talbet lil din il-Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm2,258), rapprezentanti prezz ta' xorb mibjugh u kkonsenjat lilha mis-socjeta' attrici izda mhux imhallas;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestu u tal-mandat ta' qbid pprezentati kontestwalment u bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Novembru, 2000 kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**